MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru 1145/2013

**Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**JOHN MUSCAT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOHN MUSCAT,** ta' 48 sena iben Peter u Giovanna nee' Attard, imwieled fit-8 ta' Ottubru, 1965, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 473765(M) u residenti 225, Osprey, Triq it-Torri, Mosta u gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa Seabank Hotel, Mellieha, Malta nhar is-17 ta' Gunju 2013 ghal habta tad-9.00 ta' filghaxija volontarjament ghamel hsara, hassar jew gharraq jew ikkawza hsara fuq oggett mobbli jew immobbli li huwa barrier liema hsara tammonta ghal aktar minn €1,164.69 ghad-detriment tal-Kumpanija Seabank Hotel u/jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, stqarrija, dikjarazzjoni tar-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-avukat, okkorrenza u kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Dicembru, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 20 ta' Mejju, 2014 u dakinhar l-imputat ma deherx u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Gunju 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tad-disgha (09) ta' Gunju 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha (09) ta' Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2014 deher rapprezentant tas-socjeta' Seabank Hotel li nformat il-Qorti illi kienet waslet fi ftehim mal-imputat dwar id-danni subiti minnha u fil-fatt l-imputat kien diga hallas somma sostanzjali minn dawn id-danni u ghad fadal biss bilanc ta' erba' mija u sebgha u tmenin ewro u disgha u hamsin centezmu (€487.59).

Illi l-imputat seduta stante ddikjara li huwa lest li jhallas dan l-ammont.

Il-Qorti rat ukoll illi l-imputat ghandu fedina penali netta u in vista tal-kollaborazzjoni tieghu u cioe' li diga hallas parti sostanzjali mid-danni kagunati minnu u li rregistra ammissjoni u ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi thoss li ghandha tapplika conditional discharge u restitution order.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l- Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, <u>il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat JOHN MUSCAT hati tal-akkuza u tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u in oltre tordna li ai termini tal-Artikolu 24 tal-istess Kap 446 illi l-imputat ihallas l-ammont ta' erba' mija u sebgha u tmenin ewro u disgha u hamsin centezmu (€487.59) lis-socjeta' Seabank Hotel fi zmien sitt xhur mil-lum.</u>**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------